## CARLO DIACONO – Mużiċista kbir

# ĠENJU MUŻIKALI MALTI

Carlo Diacono twieled fiż-Żejtun nhar l-1 ta' April, 1876,fejn għadda l-biċċa l-kbira minn ħajtu w ikkompona l-akbar xogħlijiet ta' ħajtu.

Carlo kien bin Orazju u Franġeska Darmanin li kellhom żewġ ulied oħra, Gio Batta u Karolina.

Missier Orazju u zijuh Ġanpatist kienu dilettanti kbar tal-mużika u bejniethom waqqfu l-ewwel orkestra pubblika fiż-Żejtun, li bidet iddoqq programmi fil-beraħ fil-festa u li kienet il-prekursura tal-baned tal-lum.

Infatti, meta x-xjuħ tagħna kienu jsemmu l-festa titulari taż-Żejtun, kienu igħidulek "SANTA KATERINA, ŻINN, ŻINN, ŻINN" u dana ġej mill-fatt li bis-saħħa ta' l-aħwa Diacono ż-Żejtun kien l-ewwel raħal li fil-festa titulari tiegħu kien hemm "DAQQ TA' MUŻIKA FIL-BERAĦ".

Minn ċkunitu Carlo wera xeħta soda għall-mużika u kien jara kif jagħmel u jivvinta strumenti mużikali, biex bihom ma' sħabu kien jagħmel xi programm ġo xi ġnien ta' bandist tiegħu.

Maż-żmien kien tgħallem l-organett u jdoqq fil-knisja żgħira tiegħu ma' sħabu. Huwa daħal il-Liceo iżda l-mużika kienet għal Carlo bħal kalamita.

Fażi importanti f'ħajtu hija l-perjodu ta' bejn l-1892 u l-1902 meta allura kien alliev tas-surmast Paolino Vassalo. Kemm-il darba smajt min isemmi l-apprezzament reċiproku ta' bejn Vassallo u Diacono u din il-ħaġa ma setgħetx ma kenitx ta' benefiċċju għat-tnejn, iżda s'intendi l-aktar għal Diacono. Għal dir-raġuni nażżarda niddeduċi li Diacono bbenifika minn dal-kors fil-frieġħi kollha tat-teorija mużikali daqshekk mhux aktar; li kieku attenda f'xi Akkademja barra minn Malta.

L-ewwel darba li ħareġ idoqq pubblikament kien fil-Ġimgħa l-Kbira meta daqq il-kwartin mal-Banda Beland li missieru kien surmast tagħha, u wara, ta' 16-il sena, hu stess laħaq surmast ta' din il-banda. Hawn kiteb l-ewwel innu lil Santa Katerina u l-ewwel marċi tiegħu "Il Saluto della Sera" u "Il Trionfo".

4 JAYS
UNISEX
BOUTIQUE
Hats for Hire & Casual Wear
74B Our Lady of
Mercy Street,
Zejtun. Tel: 675853

SWEET HABEN CONFECTIONERY
TRIQ L-ISQOF E. GALEA, ŻEJTUN.
*Fejn issibu varjazzjoni kbira ta' pasti, ħelu u xorb ta' l-aqwa kwalità*
*Naċċettaw ordnijiet għal tiġien, magħmudijiet, parties ta' kull okkażjoni*
*Xogħol mill-aqwa provdut minn*
**DOLCERIA ITALIANA**
**DALMAT LTD.**

Huwa ntgħażel ukoll surmast tal-Banda San Giorgio ta' Bormla fejn ħalla ħafna xogħlijiet tiegħu fosthom l-Innu tal-Kunċizzjoni u għażla għall-banda mill-Opra "Aida".

Meta kellu għoxrin sena, Carlo kien ippreżentat fl-Aula Magna ta' l-Università Rjali mis-Surmast tiegħu Paolin Vassallo fejn kien daqq ir-romanza tiegħu **Ad Una Viola.** Fl-1904 għallem il-partijiet korali u lis-solisti ta' l-Opra "Frażir".

Fil-15 ta' Novembru, 1908 iżżewweġ lis-sinjura Marija Stella Cannataci li mietet fil-25 ta' Ġunju 1934, u ħalliet tlett ulied, Frankie, Orazio u Marija Adelaide.

L-opra li kiteb Carlo Diacono hija "L'Alpino" li saret sitt darbiet fit-Teatru Rjal fl-1918, u l-aħħar darba f'Marzu 1946, minn ibnu Frankie fir-Radio City Opera House.

Il-mużika ta' Diacono nstemgħet minn fuq il-BBC, ir-RAI, u r-Rediffusion, ġo Ruma, fi New York, kif ukoll fil-Kajr.

Fl-1910 meta l-Papa Piju X ħareġ il-Moto Proprio, kienet infetħet triq sabiħa għal Carlo għax kif appena ħareġ dan il-Moto kkompona żewġ quddisiet u bagħathom għall-approvazzjoni Ruma fejn wara li kisbu approvazzjoni ntbagħtu wkoll ittri ta' tifħir dwarhom.

Waħda minn dawn il-quddisiet li rċeviet ittra sabiħa miċ-ċelebri Dun Lorenzi Perosi saret bħala kunċert fit-Teatru Manoel.

Għall-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali li sar f'Malta fl-1913, Diacono kien ipprepara Oratorio bl-isem ta' "San Paolo a Naufrago" u ma sarx wara li nqalgħu xi diffikultajiet.

Diacono kiteb 45 Quddiesa di Gloria, 22 Quddiesa di Requiem. Tantum Ergo, Salve Regina w antifoni bla għadd għall-knejjes ta' fejn kien iħabbat.

Kiteb ukoll Fantasia Impromptu li s-surmast Ilderbrando Pizzetti laqa' d-dedika tagħha u qalgħet tifħir kbir mis-surmast Sigismondo. L-oratorji "Transitu divi Antonii" u "Cantico di Frate Sole" u s-sinfoniji "Calliope", "Stella", "Talia" w oħrajn qalgħu tifħir kbir minn surmastrijiet ċelebri ammiraturi tiegħu – bħalma kienu Lorenzo Perosi Zandonai, Réspighi, Rocca, Mulé, Refice, Lattuada, Mantica w oħrajn.

Mhux ta' min iħalli barra l-Kanti kbar li kiteb, fosthom "Fra Le Braccia della Vergine", "Tota Pulchra", "A Maria", "Roma Felix", u "Preghiera alla Vergine".

Fl-okkażjoni tas-Silver Jubilee tar-Re George V, is-Surmast Carlo Diacono dderieġa 37 banda f'daqqa fil-Main Guard u fi Pjazza Kastilja.

Mal-mewt tas-Surmast Paolino Vassallo, Diacono ntagħżel Maestro di Cappella tal-Kattidral mingħajr ma kkonkorra.

Opra li beda mingħajr ma spiċċaha hija "Villa Azzurra" fuq il-librett ta' l-Avv. Giacomo Amno.

Minħabba l-impenji tiegħu ta' Maestro di Cappella f'ħafna parroċċi, Diacono kellu jitlaq miż-Żejtun u jmur joqgħod fil-Belt Valletta. Matul l-aħħar gwerra, biex jieħu kenn mill-attakki mill-ajru huwa mar joqgħod Ħal Lija fejn fil-15 ta' Ġunju, 1942 miet fid-dar Nru. 42, Triq il-Kbira.

Bil-mewt ta' Carlo Diacono, Malta tilfet wieħed mill-akbar kompożituri tagħha, għax f'għajnejn il-Maltin u barranin huwa kien mużiċista kbir, kompożitur qawwi, kontrapontista profond, pjanista u direttur sod. Il-mużika ħabbha ta' veru artista, b'qalb sinċiera u b'sentimenti nobbli.

**Delmus Garage**

*Tyre and Silencer Repair*
*New Batteries and motor oils*
*Tel. 661391*

**Delmus Garage**
**Isqof Zahra Street**
**Żejtun**

24 hours towing service